C/2026/3346

24.6.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.12493 – TMUS / OHC / GREENLIGHT / GONETSPEED

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/3346)

1. Fil-5 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— T-Mobile USA, Inc. ("TMUS", l-Istati Uniti), ikkontrollata minn Deutsche Telekom AG (il-Ġermanja),

— Oak Hill Capital Management, LLC ("OHC", l-Istati Uniti), ikkontrollata minn OHCM Management (l-Istati Uniti),

— Greenlight HoldCo, Inc. ("Greenlight", l-Istati Uniti), ikkontrollata minn OHC (l-Istati Uniti),

— Future Fiber Holdings, LLC ("GoNetSpeed", l-Istati Uniti), ikkontrollata minn OHC (l-Istati Uniti).

TMUS u OHC se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Greenlight u GoNetSpeed, it-tnejn li huma kienu kkontrollati finalment minn OHC.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma u ta' assi ([2]).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— TMUS hija kumpanija tat-telekomunikazzjoni mingħajr fili li tagħti kopertura nazzjonali, servizzi tal-vuċi, messaġġi u ta' data fl-Istati Uniti, Puerto Rico u l-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti,

— OHC hija ditta ta' ekwità privata tematika u tas-suq medju ffukata primarjament fuq l-investiment f'negozji tas-servizzi reżiljenti u difensivi orjentati lejn it-tkabbir fl-infrastruttura diġitali, fis-servizzi finanzjarji, u fis-servizzi essenzjali.

3. L-attivitajiet kummerċjali kemm ta' Greenlight kif ukoll ta' GoNetSpeed huma dawn li ġejjin: il-forniment tal-broadband mill-fibra sal-bini li jservu primarjament klijenti residenzjali fil-Grigal tal-Istati Uniti.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([3]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha il-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

([2]) L-entitajiet operattivi ta' Greenlight u GoNetSpeed se jiġu ttrasferiti lil Go HoldCo I, LLC ("JVCo"). TMUS sussegwentement se takkwista indirettament 50 % tal-kapital azzjonarju u tad-drittijiet tal-vot f'JVCo. Il-50 % li jifdal tal-kapital azzjonarju u tad-drittijiet tal-vot se jinżammu kollettivament minn Greenlight Parent L.P. u Future Fiber Parent, L.P., li t-tnejn li huma għandhom il-maġġoranza tal-ishma u fl-aħħar mill-aħħar huma kkontrollati biss minn OHC.

([3]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12493 — TMUS / OHC / GREENLIGHT / GONETSPEED

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË